MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa (Urġenti) Numru 15

1 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.
.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P.Bonnici – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.36pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sur John Bonnici u l-Perit Schembri li ma setgħux

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Ġew skuzati s-sinjuri Bonnici u Schembri.

## 15.2 Petizzjoni Triq A. Durer

15.2.1 Is-Sur Stefan Cordina beda billi skuża ruħhu għal-laqgħa li saret daqshekk b'urġenza imma wara laqgħa li kellu s-Sibt li għadda fejn ġie preżentat b'petizzjoni ta' erba' faċċati ma setax jagħmel mod ieħor.Hu wera l-petizzjoni lill-Kunsilliera preżenti.

Biex poġġihom fl-istampa qal li ftit taż-żmien ilu kien hemm xi diżgwit fil-posta, fl-ismijiet jew numri peress li parti hi Ruzell u parti l-oħra hi A.Durer. Fiż-żmien din it-triq kienet ma tinfidx u magħluqa b'razzett imbagħad infetħet u għadu jidher fejn hemm id-djuq fejn kien magħluq. Kompla billi qal li kienu ilhom għaddejjin b 'diskussjoni u darba minnhom resident partikulari għamel kuntatt bl-imejl mal-Uffiċċju Elettorali u saħansitra sar kuntatt mal-Uffiċċju Postali sabiex tissolva din il-problema darba għall-dejjem. Saret laqgħa fuq il-post u membri tal-Uffiċċju Elettorali u wara ħafna affarijiet qalulna li ma setgħux jirranġaw ċertu affarijiet. Fosthom kienu saru suġġeriment biex Triq A.Durer tibda minn post u Rużell minn ieħor jew li jsiru numri bħal 18A u 18B. Dawn is-suġġeriment ma setgħux jiġu attwati u għalhekk ma kienx hemm triq oħra ħlief li jintgħażel isem tat-triq u ntgħażel Triq ir-Rużell għax kien iktar antik.

Madanakollu inqalgħu intoppi oħra fosthom li kellhom jinnotifikaw in-nies huma u jingħataw 30 ġurnata ċans biex jibdlu l-isem tat-triq. Is-Sur Cordina qal li kien talab estensjoni taż-żmien sal-aħħar tas-sena minħabba li kien hemm min kellu kumpaniji barra minn Malta u oħrajn li kellhom ipprintjati *letterheads* u dokumentazzjoni oħra.

Inqala paniku bil-pandemija għax kien hemm bosta fatturi fejn kollox kien stagnat u pruvaw anka kompla jgħid is-Sindku iżebilhuh mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kellha tidħol in parti fil-kwistjoni.

L-Uffiċċju Elettorali baqa' għaddej bil-proċess tiegħu u r-residenti saħansitra iċevew ittra li jekk mhux se jibdlu d-dokumentazzjoni fiż-żmien stabbilit jistgħu jeħħlu multa. Reġa' sar kuntatt mal-Uffiċċju Elettorali sabiex jingħata żmien sal-aħħar tal' Lulju imbagħad teħel it-tabella.

Is-Sur Cordina qal li kien hemm min mar jibdel id-dokumentazzjoni imma l-maġġoranza le. Is-Sindku qara l-petizzjoni u qal li wara li tali residenti ċemplu l-Uffiċċju Elettorali huma niżżlu l-liġi u qalulhom li l-isem tat-triq jinbidel biss fuq talba mill-Kunsill Lokali. Ma spjegawlhomx il-fażijiet kollha li l-Kunsill għadda minnhom sakemm kien kostrett jaqa' fuq din l-għażla. Kien min saħansitra tenna s-Sur Cordina li qal li l-Kunsill seta' jibqa' għaddej imma mbagħad jiftaħ kawża civili l-Qorti. Legalment ma kellux raġun u l-kawża kien jitlifha għax propju l-istadji li mexa fihom il-Kunsill kienu konformi mal-liġi.

Is-Sur Cordina qal li l-għażla trid tkun jew il-Kunsill jibqa' għaddej bil-proċess jew li triq tibqa' kif inhi.

L-Avukat Brincat ssuġġerixxa li Rużell in-numri ikunu minn 1-100 u A. Durer ikunu minn 101-200. Is-Sur Cordina qal li anka jekk jinbidel in-numru se jinqala' *hassle.* Ċertu kumpaniji għandhom ħafna affarijiet stampati u allura xorta problema.

Is-Sur Bartolo saqsa jekk kienx hemm bidel l-affarijiet u li hemm problema oħra biex jerġgħu jibdluhom.

L-Avukat Caruana qalet li petizzjoni t'erba' faċċati ma tistax tiġi injorata. Is-Sur Cordina qal li l-petizzjoni hi disponibbli lil min irid jaraha. L-Avukat Caruana qalet li huwa fl-obbligu tal-Kunsill li jinforma l-Uffiċċju Elettorali bil-petizzjoni imma ma tħossx li l-Kunsill jissuġġerixxi li jirriversja l-proċess mhix l-aħjar ħaġa. Hi qalet li mhix fair li min mexa mal-istruzzjonijiet u bidel kollox għalkemm ftit irid jerġa jibdel kollox. Hi qalet li l-Uffiċċju Elettorali għandu jiġi avżat biss u jfittxu huma is-soluzzjoni imma mhux jiġi suġġerit li terga' tinbidel. Is-Sur Cordina qal li l-proċess hu konkluż u saħansitra l-Ministru iffirma d-dokumentazzjoni biex tiġi ppubblikata fil-gazetta tal-Gvern.

Is-Sur Cordina qal li ġa kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill li din tinbidel u huwa propju għalhekk qalet l-Avukat Caruana li l-Kunsill m 'għandux imur lura fuq deċiżjoni li ġa ħa. L-Avukat Caruana tenniet li hi tibqa' tal-parir li għandha biss tintbagħat il-petizzjoni u xejn iktar.

L-Avukat Brincat qal li milli qed jifhem se jergghu jitfgħu il-ballun f'saqajn il-Kunsill u jekk ġa ttieħdet deċiżjoni ma tistax tiġi rtirata. Is-Sur Cordina qal li kull deċiżjoni tista' tiġi rriversjata.

L-Avukat Brincat qal li l-problema se tibqa'.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tikkumenta. Hi qalet li l-problema ilha magħha ġejja bil-mod xi sitt snin. Qalet li kienet marret *onsite* ukoll u dakinhar kienu waslu għall-kompromess meta bdew jagħtu n-numri f'Ħ'Attard lill-diversi toroq li Rużell tibda minn ma' Tullier u A. Durer minn fejn hemm mill-qasab. Ġara imma li n-numri 53 ġew propju faċċata ta' xulxin. Eventwalment kompliet hi il-proċess ħallietu jmut ftit waħdu għax kif qalet hi li jkollok isem tat-triq l-ewwel Triq Ġdida fi Triq il-Mosta, imbagħad wara jingħata l-isem jiżdied in-numru. Din il-persuna li lmentat fl-ebda ħin ma talbet li jinbidel l-isem tat-triq. Hi kompliet billi qalet li waqt l-*onsite meeting* sejħet lis-Sindku u meta ntalbet tagħti l-opinjoni tagħha qalet li għaliha *di logica* kellhom imorru fuq l-isem antik u qatt ma basret li kienu ha jinqalgħu dawn il-problemi kollha. Hi qalet li tintbagħat il-petizzjoni biss mhix is-soluzzjoni għax ħa jiġu *back to square one*. Qalet li m'għandhiex soluzzjoni alternattiva għax jekk il-kumplament tat-triq tissemma A.Durer ħa tiġi bil-problema fuq it-triq l-oħra.

Is-Sur Bartolo qal li jaqbel ma' dak li qal l-Avukat Brincat li jinbidlu n-numri biss.

Is-Sur Cordina qal li xorta ħa jkun hemm problema għax fuq il-faċċata mhux sa jkollhom l-isem tal-kumpaniji.

Is-Sur Victor Galea qal li biex jibdlu n-numru jkunu jridu dokumentazzjoni uffiċċajli. L-Avukat Caruana qalet li dak mhux l-*issue* għax f'dak il-każ hemm il-gazzetta tal-Gvern u dik hi uffiċċjali biżżejjed għax ikollhom numru antik u numru ġdid.

L-Avukat Caruana qalet li l-biża tagħha hi li tintefa' l-ħtija fuq il-Kunsill u jekk nitolbu li tiġi riversjata r-residenti l-oħra jistgħu jilmentaw.

Is-Sur Mangion qal li żmien ilu kien hemm *stickers* b'numri biex forsi ma jitfixklux. Is-Sur Cordina qal li n-numri kienu tawhom tad-Door Numbering, u min baqa' ma weħħlux xorta kien hemm l-isem tad-dar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk l-imejl tintbagħat fis-sens li l-isem jiġi lura kif kien tista' xorta tiġi lura b'deċiżjoni li huma jkunu irrifjutawha. F'dak il-każ qalet l-Avukat Caruana r-residenti jiġu nfurmati li t-talba tagħhom ma ntlaqatx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar l-imejl issir fis-sens jekk tistax id-deċiżjoni tiġi riversjata.

Il-Kunsill qabel li ssir imejl f'dan is-sens:

Din il-petizzjoni giet diskussa waqt laqgha tal-Kunsill li saret b'urgenza il-bierah, 1 ta' Lulju 2020. Il-Kunsill unanimament qabel, wara li evalwa d-diffikultajiet li ghandhom xi residenti biex jeqilbu d-dokumentazzjoni kollha, li jekk hu possibbli d-decizjoni dwar il-bdil tal-isem tat-triq minn A. Durer ghal Ruzell tigi riversjata u minflok tinstab soluzzjoni alternattiva.

L-Avukat Caruana qalet li tkun xi tkun id-deċiżjoni jinfurmaw lir-residenti f'dak is-sens permezz t'ittra b'apoloġija.

Is-Segretarju ġiet mitluba żżomm lill-Kunsill infurmat.

## 15.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 6.16pm u ġiet aġġornata għat-20 ta' Lulju 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Lulju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |